# ARBITRU

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru, 2025**

**Talba Nru: CCT142/25/DS**

**Sandro Schembri**

**Vs**

**Charles Calleja**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-5 ta' Awwissu, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata riżarċiment ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550), ħames mitt Ewro (€500) minnhom f'kapparra dwar xogħolijiet fuq bieb li kellhom jibdew f'April, 2024 u ma bdewx kif ukoll ħamsin Ewro (€50) minnħom valur ta' ħabbata illi kien tiliflu l-intimat;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u għal din ir-raġuni giet meqjusa kontumaċi minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-partijiet kienu talbu diversi differimenti għaliex kienu qiegħdin jipprovaw jittransiġu;

Ra illi l-attur preżenta l-pużizzjoni tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotta, bil-ġurament.

Ra illi l-attur informa lit-Tribunal fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2025 illi l-intimat beda jagħmel pagamenti u wiegħed illi ser iħallas sa l-aħħar tax-xahar, pero' dan effettivament ma seħħx.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Ra illi fix-xhieda tiegħu l-attur informa lit-Tribunal illi l-intimat kien ħallas lill-attur l-ammont ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) mill-ħames mitt Ewro (€500) valur mertu ta' din il-kawza kif ukoll illi l-intimat irritorna l-ħabbati lill-attur.

**Ikkunsidra**

Illi ġaladarba s-soċjeta' intimata la intavolat risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta.

Illi l-ħlas parzjali fl-ammont ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) flimkien mal-wiegħda illi ser jitħallas il-kumplament, flimkien mat-talba tal-attur li giet kkonfermata taħt ġurament, flimkien max-xhieda ulterjuri tax-xhud iwasslu lill-dan it-Tribunal f'konvinċiment morali illi t-talba tal-attur hija waħda ġustifikata fil-liġi u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta pero' dan tenut kont illi sar diġa ħlas parzjali fuq ammissjoni wkoll tal-istess attur.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat';**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa sal-ammont ta' mija u ħamsin Ewro (€150) b'dana illi jekk l-intimat għamel dan il-ħlas fil-perjodu ta' bejn l-ewwel (1) ta'

Diċembru, 2025 u d-data ta' din is-sentenza dan il-ħlas għandu jiġi kkunsidrat illi sar a saldu tal-bilanċ dovut u ma jkunx dovut ammont ulterjuri.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mija u ħamsin Ewro (€150) lill-attur u jqis il-kuntratt pattwit bejnet il-partijiet xolt.

Bl-ispejjes kontra l-istess l-intimat.



**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**